# DEĊIŻJONI TAR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI

## tat-8 ta' Settembru 2011

## li taħtar imħallef fil-Qorti Ġenerali

(2011/533/UE)

IR-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJIET TAL-ISTATI MEMBRI TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 19 tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 254 u 255 tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikoli 5 u 7 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea u wara r-riżenja tas-Sur Theodore CHIPEV, għandu jinħatar imħallef fil-Qorti Ġenerali għall-bqija tal-mandat tas-Sur Theodore CHIPEV, jiġifieri sal-31 ta' Awwissu 2013.

(2) Ġiet proposta s-Sinjura Mariyana KANCHEVA għall-post li sar vakanti.

(3) Il-Kumitat stabbilit permezz tal-Artikolu 255 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ta opinjoni dwar l-idoneità tas-Sinjura Mariyana KANCHEVA għall-qadi tal-funzjonijiet ta' mħallef fil-Qorti Ġenerali,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Mariyana KANCHEVA hija b'dan maħtura mħallef fil-Qorti Ġenerali għall-perijodu mit-12 ta' Settembru 2011 sal-31 ta' Awwissu 2013.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Settembru 2011.

*Il-President*

J. TOMBIŃSKI